MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 714/2002/1

**D. I. Limited**

**Vs**

**Simon Scicluna**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1422.15 (elf, erba` mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu) dovuti lil kumpanija attrici ghal telefonati, hela ta' hin u hsarat.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
i. Illi l-konvenut kien impjegat mis-socjeta` attrici mis-17 t'Awissu 1998 sa l-14 ta' Settembru 2001.
ii. Illi matul is-sena 2001, l-konvenut ghamel numru ta' telefonati mill-ufficcju tas-socjeta` attrici liema telefonati saru ghal skopijiet persoanli u minghajr awtorizzazzjoni u

permess. Illi dawn it-telefonati kienu mhallsa mis-socjeta` attrici u kienu jammontaw ghal Lm129.88.
iii. Illi sabiex ghamel dawn it-telefonati l-konvenut dam tlieta u erbghin siegha fuq it-telefon. Illi skond ir-rata ta' paga fis-siegha li kien jaqla` l-konvenut, huwa ghalhekk thallas is-somma ta' Lm164.10 minghajr ma hadimhom.
iv. Illi konsegwenza ta' negligenza u ta' nuqqasijiet ohra tal-konvenut fil-qadi ta' dmirijietu kien il-kawza ta' hsarat f'computer hardware propjeta` tas-socjeta` attrici li kienu jammontaw, in kwantu ghal Lm816.68 fi spejjez ta' computer parts u in kwantu ghal Lm311.50 fi spejjez ta' air freight sabiex il-computer hardware intbaghat l-Italja ghat-tiswija u ngieb lura Malta.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont mitlub, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1422.15 liema ammont huwa dovut minnu kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat fil-15 ta' Marzu, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjonbi.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi m ahemmx kontestazzjoni dwar il-fatti kontenuti fl-ewwel paragrafu tat-talba tas-socjeta` attrici.
2. Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fit-tieni paragrafu ta' l-istess talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jigi ppruvata ahjar fil-kors ta' din il-kawza;
3. Illi fit-tielet paragrafu ukoll jikkontjeni biss allegazzjonijiet infondati li qed jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u inoltre qed jigi sottomess illi l-premessi hemm kontenuti huma frivoli u vessatorji;
4. Illi r-raba` paragrafu qed jigi kkontestat stante li jikkontjeni biss allegazzjonijiet infondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponenti mhu responsabbli ghall-ebda danni, ma' kien negligenti b'ebda mod u kwalsiasi hsarat ma ghandhom jigu attribwiti lill-esponenti;

5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju, s-sommom mitluba huma esagerati.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda prezenti.

Tramite l-affidavit u d-dokumenti hemm annessi.

Ikkonsidra:
Illi gew prezentati affidavit l-partijiet ghazlu li joqghodu fuqhom.

L-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici gew konfrontati vehememtement mill-konvenut.

Illi s-socjeta` attrici fformulat u sostanzjiet l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut merament tramite l-affidavit sic et simpliciter. L-allegati nuqqassijiet hemm evidenti ma gew korraborati bl-ebda mod minn terza persuna aljena ghar-relazzjonijiet taghhom. Konferma ma tinstab mkien. Anzi kien l-istess konvenut li ta' spjegazzjoni plawsibbli u accettabli ta' dak li effettivament gie allegat kontra tieghu u dak li effettivament gara. Jista` jkun li dawn il-proceduri huma reazzjoni naturali ghal proceduri li ttiehdu quddiem it-Tribunal Industrijali?

Jekk ma isirux din l-ottemperanza ta' probabilita mhux possibilta. L-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Anki mill-lat ta' ekurita` it-Tribunal ma jistax ikun konfront lit-talbiet attrici. Il-konvenut ta' spjegazzjoni naturali dwar l-allegata hsara fil-workstation u r-riparazzjoni barra minn Malta. Hija ukoll sodisfacenti l-ispjegazzjoni dwar it-telefonati, l-allegat hela ta' hin. Multo magis ghaliex halliet daqshekk fit-tul ma pproceditx 'a tempo vergine'.

Jiddeciedi illi fil-waqt li jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut jichad t-talbiet attrici bl-ipejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------